MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2003

Numru 977/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Walter Spiteri)**

**vs**

**JOHN SAMUEL CHETCUTI**

**Illum 9 ta' Dicembru, 2003**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha John Samuel Chetcuti ta' 34 sena, bin Carmel u Antonia nee' Farrigia, mwieled Canada fil-24.11.1969 u residenti 8 Ave Maria, Triq il-Militar, Kirkop. ID. Card No. 374986(M) gie akkuzat;

Talli f'dawn il-Gzejjer fis-16.4.2002 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, bhala id-detentur tal-fond 8 Ave Maria, Triq il-Mitjar, Kirkop., ukoll wara inzul ix-xemx, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom setgha kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' l-elettriku, tal-kwalita' mehuda jew ikkunsmata, ikkommetta serq ta' dawl elettriku fl-ammont Lm 165.29c mill-fond 8 Ave Maria, Triq il-Mitjar, Kirkop liema serq hu kwalifikat bil-mezz, hin u valur ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Il-Qorti giet mitluba, barra milli taghti l-piena stabbilita mill-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez ta' l-esperti mahtura mill-Qorti a tenur tal-art. 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali Dok WS1 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet bl-aktar mod solenni lill-imputat rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li l-Qorti regghet staqsiet lill-imputat jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta' llum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Inoltre nnutat li fid-deposizzjoni moghtija fis-Seduta ta' llum minn Ian Vella dan ix-xhud qal li hu rappresentant tal-korporazzjoni Enemalta Finance Division u li inkwantu

ghall-imputat John Samuel Chetcuti mir-records li ghandu jirrizulta li dan hallas lill-korporazzjoni dak kollu dovut rigwardanti dan il-kaz u ghalhekk rigwardanti dan il-kaz il-korporazzjoni Enemalta ma ghandha l-ebda pretensjonijiet ohra fil-konfront ta’ l-imputat.

Rat l-artikoli 18, 261(b), (c) u (f), 263(a), 264, 267, 270, 278(3) u 280(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat John Samuel Chetcuti, fuq ammissjoni, hati ta’ l-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali netta tal-imputat u dak li xehed Ian Vella fis-Seduta ta’ llum u li saret referenza ghalih aktar qabel f’din is-Sentenza, tillibera lill-istess imputat taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat John Samuel Chetcuti l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------